Diff: 15/04/2002

**TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR:**
**Dr Audrey J. Demicoli LL.D.**

**Avviz numru 835/01AJD**

**Fenech Carmelo**

**vs**

**Jones Jason noe**

**Seduta mizmuma illum l-Erbgha, 20 ta' Marzu 2002**

**L-attur Carmelo Fenech minn jeddu, bil-Malti, bil-gurament tieghu jghid:**

**Jiena propjetarju ta' ghalqa fi Triq tal-Mirakli limiti tal-Mosta, f'zona li tissejjah tat-Torba. Din l-ghalqa kienet imdawra b'hajt tal-kantun, liema**

**hajt kien gholi erba filati. Il-hajt kien imdawwar mal-ghalqa kollha.**

**F'Settembru ta' 2001 kien sar party fl-inhawi tat-Torba, anzi inzid nghid li fl-inhawi immedjati ta' fejn tinsab l-ghalqa tieghi. Kien hemm hafna karozzi ipparkjati biswit il-hajt tal-ghalqa tieghi.**

**Matul il-lejl li sar il-party li ghadni kemm semmejt twaqqa il-hajt tal-ghalqa kif ukoll xi hitan tas-sejjieh illi kien hemm gewwa l-ghalqa. Jiena meta mort fl-ghalqa tieghi indunajt illi kienu ghaddew xi vetturi mill-ghalqa tieghi sabiex ikollhom access ghal sqaq iehor li hemm fil-lokalita u ghalhekk qed nipprezumi illi l-hajt twaqqa sabiex il-vetturi jkollhom access ghal dan l-sqaq.**

**Meta sibt il-hsara li ghadni kemm semmejt, mort immedjatament l-ghassa tal-Mosta u ghamilt rapport f'dan ir-rigward. Il-pulizija kien informani illi l-party kien gie organizzat minn certu Azzopardi ta' Johnson. Il-pulizija tawni it-telephone number ta' din il-persuna. Jiena ikkomunikajt mieghu. Huwa qalli kienet giet ikkawzata hsara ohra minhabba l-fatt illi min kien inkarigat sabiex jaghmel ghassa ma kienx ghamel xogholu sew. Qalli ukoll li kellu jhallas xi ammonti lin-nies illi saritilhom hsara fil-**

**vetturi u talabni sabiex ninkariga avukat sabiex nirregola il-pozizzjoni tieghi.**

**Jiena f'dan l-istadju avvicinajt lill-avukat tieghi u inkarigajtu jibghat ittra lill-persuna koncernata, il-konvenut fil-kawza odjerna, sabiex huwa jaghmel tajjeb ghad-danni li sofrejt fil-propjeta tieghi. Il-konvenut kien infurmani li huwa kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni izda ma taghnix dettalji dwar din il-polza ta' assikurazzjoni.**

**Ikkalkulajt li irrid inhallas Lm200 sabiex nerga intella l-hajt u nixtri l-gebel biex intella l-istess hajt. Nghid illi parti mill-hajt ittella mill-Gvern. Nghid illi l-Lm200 li ghadni kemm semmejt ma jinkludux il-parti tal-hajt illi diga tella l-gvern.**

**Kontro-ezami;**

**Il-party kien sar tlett ghelieqi il-bod mill-ghalqa tieghi izda sabiex jaccedu ghal din l-ghalqa ghaddew minn fuq il-propjeta tieghi. Meta nghid tlett ghelieqi l-bod nikkalkula li hemm bejn 300 u 400 pied. Nghid illi mill-ghalqa fejn kienet qed issir l-attivita u cioe il-party li semmejt, l-ghalqa tieghi ma kienetx tidher, anzi nghid li minn go t-tinda li kien hemm ma kienetx tidher, izda minn barra it-tinda l-ghalqa tieghi kienet tidher.**

**Naf li fl-attivita li giet organizzata mill-konvenut, kien hemm kwantita kbira ta' nies. Jiena wasalt ghal din il-konkluzjoni ghaliex kien hemm kwantita kbira ta' karozzi parkeggjati fil-lokalita meta sehhet l-attivita. Dawn il-vetturi rajthom jiena b'ghajnejja. Rajthom fis-7.00 ta' filghaxija.**

**Nghid illi jien wara li mort inkellem il-pulizija l-ghassa u inkarigajt l-avukat, hallejt kollox f'idejn l-avukat tieghi sabiex jibghat l-ittri u jiskopri min kienet il-persuna licenzjata sabiex torganizza il-party in kwistjoni.**

**Il-hajt tal-ghalqa tieghi huwa twil madwar 400 pied. Il-knaten kienu imwahhlin bis-cement. Jiena fis-seba, meta rajt il-vetturi ipparkeggjati, rajt il-hajt tieghi ghadu intatt u cioe kif kien qabel.**

**Kontro-ezami ulterjuri riservat.**

**Din hija is-sustanza tax-xhieda ta' Brandon Jackson dettata mit-Tribunal fil-presenza tax-xhud.**

**Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment u fl-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.**

**Vincent Cauchi**
**Traskrittur**